



---

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

---

**2019/0182(NLE)**

21.2.2020

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi

(12362/2019 – C9-0013/2020 – 2019/0182(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Petras Auštrevičius

PA\_Leg\_Consent

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-intensifikazzjoni ta' kuntatti interpersonali, billi tissaħħaħ il-mobilità f'ambjent sigur u ġestit tajjeb, hija wieħed mill-prinċipji gwida tas-Sħubija tal-Lvant. Il-liberalizzazzjoni tal-viża tibqa' objettiv konġunt kemm tal-pajjiżi sħab individwali kif ukoll tal-UE għall-benefiċċju tal-popolazzjoni inġenerali.

Ir-rapporteur jilqa' l-proposta bħala żvilupp pożittiv fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Belarussja u jenfasizza l-importanza tagħha għall-Belarussi biex jinvolvu ruħhom maċ-ċittadini tal-UE u biex jiffamiljarizzaw ruħhom mar-realtajiet, il-kultura u l-istil ta' ħajja Ewropej. Jirrikonoxxi li l-proċessi elettorali u s-sistema politika fil-Belarussja ma jikkonformawx mal-istandards Ewropej u internazzjonali u ma jiżgurawx u ma jipproteġux il-libertajiet fundamentali universali. L-elezzjoni parlamentari fl-2019 inkludiet nuqqasijiet proċedurali sinifikanti, fosthom miżuri restrittivi fir-rigward tal-partiti tal-oppożizzjoni u tal-kandidati, u ma ntwera ebda titjib fid-demokrazija. Għalhekk, il-ftehim għall-faċilitazzjoni tal-viża għandu jintuża biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-livell bażiku tas-soċjetà u biex tissaħħaħ u tiġi appoġġjata aktar is-soċjetà ċivili tal-Belarussja.

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-4 ta' Diċembru 2006 dwar it-Tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), il-Kummissjoni diġà kienet irrakkomandat li għandhom jinbdeu negozjati dwar ir-riammissjoni u l-faċilitazzjoni tal-viżi mal-pajjiżi tal-viċinat tal-Lvant.

Id-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit ta' Praga tas-7 ta' Mejju 2009 li tistabbilixxi s-Sħubija tal-Lvant enfasizzat l-importanza tal-promozzjoni tal-mobilità taċ-ċittadini f'ambjent sigur, permezz ta' ftehimiet dwar il-faċilitazzjoni tal-viża u dwar ir-riammissjoni. Hija stabbiliet il-liberalizzazzjoni tal-viża bħala l-objettiv fit-tul li għandu jkun akkumpanjat minn titjib fil-kundizzjonijiet tas-sigurtà biex jiġu miġġielda l-kriminalità transfruntiera u l-migrazzjoni irregolari. Is-Summit ta' Varsavja ta' Settembru 2011 u s-Summit ta' Vilnius ta' Novembru 2013 reġġu kkonfermaw dawn l-objettivi, filwaqt li enfasizzaw b'mod partikolari li l-kooperazzjoni u l-koordinament ulterjuri għandhom jinkludu, bħala għanijiet, il-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali u l-ġlieda kontra din il-migrazzjoni, il-promozzjoni ta' migrazzjoni u mobilità siguri u mmaniġġjati sewwa, kif ukoll il-ġestjoni integrata tal-fruntieri. Is-Summit ta' Brussell ta' Novembru 2017 insista li l-konklużjoni ta' Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża u ta' Ftehim ta' Riammissjoni mal-Belarussja twitti t-triq għal aktar progress rigward il-mobilità, filwaqt li żżid is-sigurtà.

Skont l-approċċ komuni għall-iżvilupp tal-politika tal-UE dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi li ġie miftiehem fil-livell ta' COREPER mill-Istati Membri f'Diċembru 2005, ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi ma għandux jiġi konkluż mingħajr ma jkun hemm fis-seħħ ftehim ta' riammissjoni.

Matul dawn l-aħħar erba' snin, sar progress fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Belarussja. Il-Belarussja ilha tipparteċipa fis-Sħubija tal-Lvant, b'mod partikolari fi ħdan il-formati multilaterali tagħha. Fuq inizjattiva tal-awtoritajiet Belarussi, kompli d-Djalogu annwali bejn l-UE u l-Belarussja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2015. Is-Sħubija għall-Mobilità ġiet varata fl-2016; irriżulta li huwa strument ewlieni biex tiġi żviluppata l-kooperazzjoni tagħna rigward il-migrazzjoni, filwaqt li tissaħħaħ il-mobilità taċ-ċittadini tal-UE u tal-Belarussja f'ambjent sikur u ġestit tajjeb. Barra minn hekk, passi tanġibbli meħudin mill-Belarussja biex tirrispetta l-libertajiet fundamentali universali, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem ser

jibqgħu fundamentali għat-tfassil tal-politika futura tal-UE fir-rigward tal-Belarussja, fi spirit u ta' "involvement kritiku".

Id-deċiżjoni proposta tqis u tirrifletti l-qafas eżistenti għal kooperazzjoni mal-Belarussja, b'mod partikolari s-Sħubija għall-Mobilità msemmija hawn fuq, id-Dikjarazzjonijiet mis-Summits tas-Sħubija tal-Lvant, kif ukoll in-negozjati dwar il-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Belarussja. Ftehimiet simili diġà ġew finalizzati mal-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna.

L-awtorizzazzjoni formali għan-negozjar tal-Ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi mal-Belarussja ngħatat mill-Kunsill fit-28 ta' Frar 2011. In-negozjati bdew fi Ġunju 2014 u t-test maqbul ġie inizjalat fis-17 ta' Ġunju 2019. L-Unjoni Ewropea u l-Belarussja finalment iffirmaw il-ftehim għall-faċilitazzjoni tal-viża u l-ftehim ta' riammissjoni fit-8 ta' Jannar 2020.

Id-deċiżjoni proposta rigward il-konklużjoni tal-ftehim għandha l-għan li tiffaċilita, fuq bażi reċiproka, il-ħruġ ta' viżi għal soġġorn maħsub għal mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum għaċ-ċittadini tal-UE u tal-Belarussja, u tistabbilixxi t-tariffa tal-viża għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal EUR 35. Din tinkludi elementi standard tal-ftehimiet tal-UE għall-faċilitazzjoni tal-viża, li jistabbilixxu d-dewmien għad-deċiżjoni dwar il-ħruġ ta' viżi, it-tariffi u l-eżenzjonijiet tagħhom, id-dokumentazzjoni meħtieġa u l-eżenzjonijiet, kif ukoll is-simplifikazzjoni tal-kriterji għal ċerti kategoriji ta' persuni. Barra minn hekk, il-proposta tinkludi Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-kooperazzjoni fir-rigward ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u skambju regolari ta' informazzjoni dwar is-sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, kif ukoll Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-armonizzazzjoni ta' proċeduri ta' informazzjoni u tad-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati meta ssir applikazzjoni għal viżi għal soġġorn qasir. Id-dispożizzjonijiet jikkostitwixxu żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen u ma japplikawx għar-Renju Unit, l-Irlanda u r-Renju tad-Danimarka, li huma mistiedna jikkonkludu ftehimiet bilaterali għall-faċilitazzjoni tal-viża, bħal dawk il-pajjiżi mhux Membri tal-UE, iżda li huma parti mill-ftehim ta' Schengen.

It-titjib tal-mobilità se jiffaċilita l-kuntatti interpersonali, li huma element essenzjali għall-iżvilupp ta' rabtiet ekonomiċi, kummerċjali, soċjali u kulturali, u rabtiet oħrajn. Għalhekk dan huwa fundamentali għat-twettiq tas-Sħubija tal-Lvant, filwaqt li jfakkar li l-oġettiv fit-tul huwa l-liberalizzazzjoni totali tal-viżi.

Il-ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-viża għandu jidħol fis-seħħ simultanjament mal-ftehim ta' riammissjoni, peress li ż-żewġ ftehimiet huma marbuta ma' xulxin.

\*\*\*\*\*

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jirrakkomanda l-approvazzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi
<b>Referenzi</b>	12362/2019 – C9-0013/2020 – 2019/0182(NLE)
<b>Kumitat responsabbli</b>	LIBE
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 29.1.2020
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Petras Auštrevičius 30.9.2019
<b>Data tal-adozzjoni</b>	19.2.2020
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 57 –: 3 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alviina Alametsä, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Lars Patrick Berg, Anna Bonfrisco, Fabio Massimo Castaldo, Włodzimierz Cimoszewicz, Katalin Cseh, Tanja Fajon, Anna Fotyga, Michael Gahler, Kinga Gál, Sunčana Glavak, Klemen Grošelj, Sandra Kalniete, Dietmar Köster, Stelios Kouloglou, Ilhan Kyuchyuk, Miriam Lexmann, Nathalie Loiseau, Jaak Madison, Thierry Mariani, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Javier Nart, Urmas Paet, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Kati Piri, Giuliano Pisapia, Jérôme Rivière, Nacho Sánchez Amor, Andreas Schieder, Radosław Sikorski, Sergei Stanishev, Hermann Tertsch, Hilde Vautmans, Harald Vilimsky, Thomas Waitz, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Arnaud Danjean, Özlem Demirel, Engin Eroglu, Evin Incir, Andrey Kovatchev, Sergey Lagodinsky, Katrin Langensiepen, Gabriel Mato, Kris Peeters, Paulo Rangel, Nils Ušakovs, Mick Wallace
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Tudor Ciuhodaru

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

57	+
ECR	Anna Fotyga, Hermann Tertsch, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers
GUE/NGL	Özlem Demirel, Stelios Kouloglou, Mick Wallace
ID	Anna Bonfrisco, Thierry Mariani, Jérôme Rivière
NI	Fabio Massimo Castaldo, Kostas Papadakis
PPE	Traian Băsescu, Arnaud Danjean, Michael Gahler, Kinga Gál, Sunčana Glavak, Sandra Kalniete, Andrey Kovatchev, Miriam Lexmann, David McAllister, Gabriel Mato, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Kris Peeters, Paulo Rangel, Radosław Sikorski, Isabel Wiseler-Lima
RENEW	Petras Auštrevičius, Katalin Cseh, Engin Eroglu, Klemen Grošelj, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Javier Nart, Urmaz Paet, Hilde Vautmans
S&D	Maria Arena, Włodzimierz Cimoszewicz, Tudor Ciuhodaru, Tanja Fajon, Evin Incir, Dietmar Köster, Sven Mikser, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Kati Piri, Giuliano Pisapia, Nacho Sánchez Amor, Andreas Schieder, Sergei Stanishev, Nils Ušakovs
VERTS/ALE	Alviina Alametsä, Sergey Lagodinsky, Katrin Langensiepen, Thomas Waitz, Salima Yenbou

3	-
ID	Lars Patrick Berg, Jaak Madison, Harald Vilimsky

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni